# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 315/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Nezren Grixti)

vs

**Lorraine Grima**

bint Joseph, imwielda Pieta', fit-13 ta' Frar, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 115674(M)

Illum 9 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta Lorraine Grima quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Ġzejjer fit-30 ta' Mejju, 2005 u fit-tliet xhur ta' qabel, ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'Malta u f'ħinijiet differenti:

1) Kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkustanzi li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha;

2) Talli kkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar l-14 ta' Ġunju 2002, fl-awla tal-Maġistrati Għawdex.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u kkundannatha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, għal piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mitt Euro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data li fiha l-ħatja tiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero` jekk il-ħatja tonqos li tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28B (1) u (2)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għar-ragunijiet fuq indikati, trattat mal-ħatja dwar is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Giovanni Grixti fl-14 ta' Ġunju 2002, permezz ta' liema sentenza hija kienet ġiet ikkundannatha għal piena ta' tlett snin priġunerija sospizi għal erba' snin, billi ordnat illi l-perjodu operattiv ta' erba' snin jerġa' jibda jiddekkorri mill-ġdid mil-lum stess.

Il-Qorti ma kkundannatx lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispiżjar Mario Mifsud ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi r-reat in kwistjoni seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi

artikolu u illi ma saritx talba għall-ħlas ta' tali spejjeż da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-liġi qabel l-emenda relattiva.

Finalment, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mal-abbuż tad-droga (Dok. NG1), hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Lorraine Grima minnha ppreżentat fil-11 ta' Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-15 ta' Ottubru, 2007 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura billi tikkonferma l-ħtija tat-tieni u tielet akkuża, filwaqt li tirrevoka l-ħtija ta' l-ewwel akkuża u tilliberaħ minnha.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-piena ta' 9 xhur priġunerija. L-appellanta tixtieq tirreleva li hija omm ta' Jasmine ta' għaxar snin u Jeffrey ta' 1 5 -il sena u m'għandha imkien biex tafda lit-tfal peress li hi "single mother". Fil-każ in eżami, piena alternattiva minn priġunerija hija aktar edatta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ġie intavolat mill-appellanta unikament fir-rigward tal-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellanta l-piena hi waħda eċċessiva peress li hija *single mother* u għandha

żewġt itfal għadhom żgħar waħda illum –il ġurnata għandha erbatax (14) –il sena u l-ieħor għandu dsatax (19) -il sena .

L-Ewwel Qorti nkwantu jirrigwarda l-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-każ jmur lura għas-sena 2005. Dan it-tul ta' żmien ġie deddatt kemm minn naħa tal-appellanta għax naqset milli tidher pero' kien hemm ukoll seduti fejn ma kintix notifikata u għaldaqstant ma kellhiex kontroll fuqhom.

L-Ewwel Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-appellanta li għalkemm dak iż-żmien ma ġietx preżentata waħda aġġornata, rriżulta li ma baqgħetx tabbuża mid-droga.

Inoltre, l-Ewwel Qorti qieset l-ammont sostanzjali u konsiderevoli tal-pilloli ecstasy li kienu fil-pussess tagħha nstabu moħbijn fuq il-persuna tagħha mill-membri tal-AFM waqt road block. L-ammont kien ta' 25 pillola ecstasy u l-appellanta ammettiet fix-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti li kienet sejra party u kienu ser jitqassmu mal-partner tagħha u żewġ ħbieb oħra.

L-Ewwel Qorti setgħet anke imponiet is-sentenza sospiża pero' peress li ħasset li l-akkużi kienu jmorru lura għas-sena 2002 u tidher li dawret ħajjitha estendiet il-perjodu operattiv.

Illi l-piena erogata hija ta'disa' (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mitt Ewro (€700).

Illi tali piena hi waħda fil-parametri tal-liġi u l-Ewwel Qorti qieset sewwa u ħadet ħafna affarijiet in konsiderazzjoni qabel ma imponieta għaldaqstant din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma tali piena speċjalment meta l-ammont ta' ecstasy kien ta' 25 pillola.

Illi għalkemm il-Qorti fehmet l-problemi soċjali u familjari li hija afflitta minnhom l-appellanti u anke l-fatt illi mill-fedina penali aġġornata preżentata quddiem din il-Qorti, jidher li ma kellhiex akkużi oħra rigwardanti droga wara din, dan ma jistax jeżoneraha minn kwalunkwe piena għall-azzjonijiet minnha kommessi. Fuq kollox l-appellanti hija mara matura li kapaċi tifhem illi anke il-pussess sempliċi tad-droga hija illegali tant li meta rat is-suldati mill-karozza kienet pronta ħbiet il-pilloli fuq il-persuna tagħha, aħseb u ara bl-intenzjoni li dawk il-pilloli kienu ser jitqassmu mal-

partner tagħha u żewġ ħbieb oħra matul il-*party*. Inoltre, l-Ewwel Qorti kienet diġa ħadet ħsieb li tnaqqas il-possibli mill-piena inkluż it-trapass ta' żmien mid-data tar-reat.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' Lorraine Grima u tikkonferma s-sentenza appellata.